## Lista ta' elementi għall-kritika tal-poeżija

Adrian Grima

Din mhix lista sħiħa – hija biss indikazzjoni. U l-elementi mhumiex f'ordni ta' importanża. Tinsiex dejjem tistaqsi x'inhu l-effett ta' l-elementi stilistiċi li ssib fil-poeżija.

Ftakar ukoll li l-ewwel xogħol tiegħek huwa li tanalizza l-mod kif inhi miktuba l-poeżija, u toqgħodx "tirrakkontaha." Tista' tifli:

- l-istruttura jew l-arkitettura tal-poeżija
- it-tip ta' versi: versi regolari vers ħieles versi mħalltin
- iċ-ċesura
- ir-ritmu
- id-dimensjoni tal-ħoss: rima, assonanza u konsonanza; alliterazzjoni u onomatopea; ċerti konsonanti jew vokali.
- it-ton jew tonalità
- il-burdata u l-atmosfera
- ir-ripetizzjoni
- il-lessiku jew l-għażla tal-kliem
- sensi differenti
- l-isfond soċjali, kulturali, politiku, storiku, u letterarju
- allużjoni letterarja
- il-metafora (+ personifikazzjoni) u s-similitudni
- apostrofi jew indirizz
- il-metonimja
- is-sineddoke
- il-perspettiva: l-ewwel jew fit-tielet persuna
- il-ftuħ u l-għeluq ta' poeżija (u t-titlu)
- it-temi
- il-mistoqsijiet retoriċi u l-iperboli
- id-diskors dirett
- il-karatterizzazzjoni
- is-sintassi
- il-punteġġjatura
- l-enjambement

ag 1.12.07